**Qorti tal-Maġistrati (malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 11 ta' Mejju 2022

**Il-Pulizija**
(Spettur Roxanne Tabone)

Vs

**Melvin Debono**
(Detentur tal-Karta tal-Identità numru: 304591M)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat Melvin Debono, u ċioè talli nhar il-08 ta' Mejju 2022 ġewwa dawn il Gżejjer:-

1. Volontarjament ħassar, agħmel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioè vettura tal-għamla Nissan March ta' kulur silver bin-numru tar-reġistrazzjoni ICA102 u fuq lenti ta' nuċċali tal-vista liema ħsara tammonta għall- 448.40 Ewro u għall-204 Ewro rispettivament liema ħsara saret għad-dannu ta' Kyle Abela;

2. Talli fl-istess data, perjodu lok u ċirkostanzi, insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Kyle Abela u Kieran Tanti.

3. Qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti;

4. Ħebb kontra Kyle Abela sabiex jinġurjah, idejjqu jew tagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor;

5. Naqas milli jħares xi waħda, w/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. G. Mercieca LLD li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet;

6. Naqas milli jħares xi waħda, w/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'digriet magħti mill-Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo LLD li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet

7. Naqas milli jħares xi waħda, w/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. N. Lia. LLD li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet

8. Naqas milli jħares xi waħda, w/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. N. Camilleri.LLD li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet

9. Naqas milli jħares xi waħda, w/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. N. Galea

Sciberras. LL.D li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet;

10. Talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta fi żminijiet differenti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà ta' Kyle Abela u Kieran Tanti jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna bizà ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiża u l-familja tagħhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Illi fid-dawl ta' din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkonsidrat:-

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tosserva li minkejja li ċ-ċirkostanzi wara dan l-inċident m'humiex serji, jidher biċ-ċar li kien hemm eskalazzjoni mingħajr ħtieġa ta' sitwazzjoni li setgħet ġiet riżolta faċilment. Filfatt, kollox jihder li beda hekk kif l-akkużat kien fi kju kif bil-vettura tiegħu jistenna li tinqeda l-vettura ta' quddiemu. Jidher li f'dak il-ħin inqalgħet kommossjoni bejn l-akkużat u l-persuni li kienu fil-vettura ta' quddiemu, senjatament Kyle Abela u Kieran Tanti.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax, madanakollu, li dan l-inċident seħħ f'retroxena fejn l-akkużat ingħata l-ħelsien mill-arrest minn din il-Qorti numru konsiderevoli ta' drabi u jidher biċ-ċar li l-akkużat m'huwiex qed jifhem li għandu jimxi l-liġi u jgħix san fis-soċjetà Maltija. Fid-dawl ta dan, il-Qorti tqis li minkejja li l-akkużat kiser il-kondizzjonijiet ta' diversi digrieti ta' ħelsien mill-arrest, iċ-ċirkostanzi wara dawn l-akkużi m'humiex serji biżżejjed biex jiġġustifikaw it-telfien tiegħu. Il-Qorti tqis ukoll li piena karċerarja m'hijiex idonea fiċ-ċirkostanzi u għalkemm il-piena inflitta għandha tirrifletti is-serjetà tas-sitwazzjoni tal-akkużat, ikun aktar ta' ġid għall-akkużat li jibbenefika minn superviżjoni ta' uffiċjal tal-*probation* biex jindirrizza kwalunkwe diffikultajiet li jista' jkollu fl-imġieba tiegħu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 325(1)(b), 338(bb), 339(1)(d), 339(1)(e) u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet ammissjoni inkondizzjonata tiegħu qed issib lill-istess **Melvin Debono <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannaħ għal **multa ta' elf Ewro (€1,000)** kif ukoll, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġiħ **taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum**, bil-kondizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti kontestwalment.

A tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Kyle Abela u Kieran Tanti, għal żmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-akkużat, ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta fi kliem ordinarju, l-import ta' din is-sentenza, u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien sentejn (2) jew jekk ma joqgħodx għall-ordnijiet lilu mogħtija.

Il-Qorti spjegat ukoll lill-akkużat, fi kliem ordinarju, il-kosegwenzi maħsuba fl-Artikolu 382A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fl-eventwalità li mingħajr skuża raġonevoli jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu bl-Ordni tat-Trażżin.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza, lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**